# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TNEJN U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju, 2003 fin-12.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier (12.45pm) |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Rapport ta' l-Awditur.
(4) Talba Asset Investments Ltd.
(5) Żjara f'Cassino.
(6) Offerti.
(7) Konferma ta' Xogħlijiet.
(8) Sotto Kumitat Edukazzjoni.

## 22 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop ippropona li l-minuti jiġu approvati kif ppreżentati.

22(1).1 Il-Kunsill approva dawn il-minuti b'erba' favur u wieħed kontra (Il-Kunsillier Charmaine Gerada).

## 22 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif ta' l-attivitajiet u tax-xogħlijiet li seħħu u li hemm bżonn li jsiru.

*22.(2).1 Kumitat Senglea Athletics F. C. ( 12 / 06 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mal-Kunsillier Reno Chircop kellhom laqgħa ma' Uffiċjal ta' dan il-Kumitat; Stephen Perici-President, Frans Mizzi-Viċi President u Daniel Genovese-Segretarju. Id-Diskussjoni kienet dwar il-proġett tal-grawnd tal-futbol.

Ir-rappreżentanti tal-Kumitat ta' Senglea Athletic F. C. insistew li l-Kunsill m'għandhux ikompli bil-pjanijiet tiegħu biex jiżviluppa l-grawnd tal-futbol tal-Ponta għaliex dan mhux adekwat u jista jirriżulta f'ħafna problemi aktar il-quddiem. Huma kienu lesti li jistennew sakemm ikollhom tweġiba mill-Malta Drydocks għat-talba tagħhom għall-grawnd tal-futbol fil-Bwejba.

Is-Sindku stieden lill-Kumitat ta' Senglea Athletic F. C. biex jikteb lill-Kunsill u uffiċjalment jgħarraf lill-Kunsill bil-pożizzjoni tagħhom li huma tal-fehma li ma' jsirx rawnd tal-futbol jekk ma' jinstabx sit alternattiv li jkun jista' jilqa' l-ħsibijiet futuri tal-Klabb (ittra mehmuża 04/1012/03/I).

F'dan il-każ fit-tmintax il-xahar li fadallu l-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar li jkollu jalloka fi proġetti oħrar-riżorsi li kienu ser jintefqu fuq il-grawnd.

*22.(2).2 Tender għal Xogħol ta' Resurfacing ( 16 / 06 / 2003 )*

Ġew miftuħa l-offerti li saru għat-tender li ħareġ il-Kunsill għal resurfacing ta' toroq ta' Dawret Ix-Xatt,

Għal dan it-tender tefgħu ħames offerti. Dawn kienu :
Ref. Minuta 22(6).

- Pada Builders Ltd
- General Road Servicing Ltd
- Asfaltar Ltd
- Bonnici Bros Ltd
- Alfred Schembri & Sons Ltd

*22.(2).3 Laqgħa ma' l-Awditur ( 17 / 06 / 2003 )*

Saret laqgħa ma' l-Awditur maħtur mill-Gvern biex jivverifika l-operat tal-Kunsill. F'din il-laqgħa ġie ppreżentat l-Audit Report tiegħu. Ġiet ppreżentata wkoll il-management letter.
Sar qbil biex il-Kunsill jibgħat il-kummenti tiegħu fuq dawn il-punti msemmija f'din l-ittra.

*22.(2).4 Sotto Kumitat Edukazzjoni ( 17 / 06 / 2003 )*

Saret laqgħa ta' dan is-Sotto Kumitat fejn ġew diskussi l-attivitajiet li hemm ippjanati bejn Lulju u Awissu 2003 (Minuti tal-laqgħa mehmuża).

*22.(2).5 Triq San Pietru u San Pawl ( 17 / 06 / 2003 )*

Mill-kuntatti li s-Sindku għamel ma' Inġ. Stefan Galea St. John ġie aċċettat li x-xogħol tal-qlugħ taż-żonqor isir min-nies imqabbda mill-Kunsill u li għalihom ser tħallas il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

*22.(2).6 Grand Harbour Marina ( 18 / 06 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha kellu kuntatti ma' Dr. Albert Caruana Segretarju Privat tal-Ministru Francis Zammit Dimech dwar l-allokazzjoni ta' Area C li kellha titħalla għall-użu tad-dgħajjes lokali. Jidher li din tappartjeni lil Cottonera Waterfront. Jidher li hemm diffikulta biex din tingħata għall-użu tad-dgħajjes tal-lokal.

Dr. Caruana fehem il-problema imressqa mis-Sindku li jekk Area C ma' taqax f'idejn il-Grand Harbour Marina l-opri tal-barklori lokali mhux se joqgħodu u dan jista' jwassal biex ma' jintlaħaqx ftehim.

Dr Caruana kellu jindaga x'jista jsir dwar dan.

*22.(2).7 British High Commission ( 20 / 06 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Sinjura tiegħu kienu mistiedna mill-British High Commission fl-okkażjoni ta' egħluq snin ir-Reġina Eliżabetta II. Aktar il-quddiem il-British High Commissioner għandhu jkun mistieden fil-Kunsill Lokali.

*22.(2).8 Laqgħa mas-Supretendent tad-Distrett ( 24 / 06 / 2003)*

Saret laqgħa mas-Supretendent Lawrence Cutajar dwar l-egħluq tax-Xatt. Huwa wiegħed li biex jiġi kkontrollat ix-Xatt filgħaxija matul ix-xhur tas-Sajf hemm bżonn ta' żewġ pulizija.
Sar qbil li l-Kunsill lħallas extra ta' pulizija wieħed minn dawn it-tnejn.

Sar qbil li ssir laqgħa għas-sifdien tal-kjosks u l-istabbilimenti ta' l-ikel fix-Xatt nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju, 2003 dwar l-użu ta' mwejjed fuq il-promenade. (Aktar punti ta' diskussjoni fil-Minuti mehmuża).

*22.(2).9 Grand Harbour Marina ( 26 / 06 / 2003)*

Is-Sindku ser ikollu kuntatt ma' Bill Green General Manager ta' Grand Harbour Marina dwar l-ammont ta' pontoons u l-mod kif tqegħdu ma' jidirx li qiegħed skond kif kien ippjanat speċjalment dawk ta' quddiem il-Casino. Jidher li kif tpoġġew dawn il-pontoons il-freeway ser tkun qrib ħafna tax-Xatt ta' l-Isla bir-riżultat li ma' jkunx hemm spazju biżżejjed għall-opri tal-lokal.

Jekk jirriżulta dan il-Kunsill ser iressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu lill-Awtorita Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar u ma' jaċċetta l-ebda ftehim.

*22.(2).10 Laqgħa tas-Sindki / Viċi Sindki ( 13 u 14 / 06 / 2003)*

Il-laqgħa tal-Ġimgħa 13 ta' Ġunju, 2003 kienet dwar ġemellaġġI u dwar kif il-Kunsilli jistgħu jibbenefikaw minn fondi mill-Unjoni Ewropeja għal ġemellaġġ u attivitajiet oħra bħal Seminars u Konferenzi.

Is-Sibt 14 ta' Ġunju, 2003 saru diskussjonijiet fuq il-Kommunita Ewropeja u rapport dwar il-Gvern lokali f'Malta.

Sar qbil li ssir konferenza għall-Kunsillieri f'Għawdex fis-6 ta' Settembru u oħra fis-26 u s-27 ta' Settembru għas-Sindki u Viċi Sindki f'Għawdex ukoll.

Ġew approvati mozzjonijiet imressqa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

*22.(2).11* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn id-9 ta' l-25 ta' Ġunju 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0986/03/I Rampi f'Misraħ Andrea Debono*

Resident ilmenti minn abbuż mir-rampi f'dan il-Misraħ u talab li jitneħħew. Din it-talba tista tiġi eżawrita aktar tard f'parti minn żvilupp li l-Kunsill qed jippjana li jsir f'dan il-Misraħ.

*04/1007/03/I Ħaddiem Skema - Community Work Scheme*

Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li ntbagħtet lill-ħaddiema mal-Kunsill taħt l-iskema Xogħol fil-Kommunita'. F'Din l-ittra l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ infurmathom li fil-każ li dawn il-ħaddiema jinqabdu jabbużaw minn din l-iskema mhux biss jitwaqqfu mmedjatament imma wkoll jitilfu d-dritt li jkomplu jirreġistraw Part 1 barra miżura oħra (Kopja mehmuża).

*04/1018/03/I Tombola fix-Xatt - Senglea Youngsters F. C.*

Il-Kunsill approva din it-talba dejjem sakemm dan il-Klabb jimxi mar-regoli stabbiliti u jsiru l-permessi meħtieġa.

*04/1035/03/I BBQ - Senglea Athletic F. C.*

Il-Kunsill approva t-talba ta' Senglea Athletic F. C. biex jagħmlu BBQ fil-Gardjola nhar il-Ġimgħa 25 ta' Lulju, 2003 mis-7.30pm il-quddiem.

*04/1060/03/I* *Ftehim ma' l-Awtorita Dwar it-Trasport*

Il-Kunsill informa lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li l-ftehim li l-Kunsill qed jittama li jiffirma għax-xogħlijiet ta' resurfacing ta' toroq mhux ser jaffetwa l-operat finanzjarju tal-Kunsill.

*04/1080/03/I* *MCAST Students*

Il-Kunsill ġie nfurmat li żewġ studenti mill-Mcast, Is-Sinjorina Elaine Vella u s-Sur Lawrence Agius ser jiġu assenjati mal-Kunsill bejn it-Tnejn 30 ta' Ġunju, 2003 u l-25 ta' Lulju, 2003 biex ikunu jistgħu jwettqu experience phase tal-kors li qed jattendu.

*04/1082/03/I* *Elizabeth Grech - ECDL Courses*

Il-Kunsill approva t-talba tas-Sinjura elizabeth Grech, skrivana tal-Kunsill biex tkun tista' tattendi Kors tal-Kompjuter ECDL Part 1 & Part 2 mal-Compex Computer Training Centre skond kif hemm fl-applikazzjoni mehmuża.

*04/1083/03/I* *Senglea Athletic F. C. (Car Wash Activity)*

Il-Kunsill approva t-talba ta' dan il-Klabb biex jorganiżżaw "car Wash" nhar is-Sibt 5 ta' Lulju, 2003 bejn it-8.00am u s-2.00pm quddiem il-Klabb.

*04/1084/03/I* *Għaqda Regatta Nazzjonali*

Il-Kunsill approva l-ammont ta' Lm 50 lil din l-Għaqda biex torganiżża ir-Regatta Nazzjonali ta' l-U/18 fil-Port il-Kbir taħt il-Patroċinju tal-Ministru Jesmond Mugliett.

## 22 (3) Rapport ta' l-Awditur maħturġ mill-Awditur Ġenerali

*22.(3).1* Is-Sindku ressaq l-Audit Report għas-Sena finanzjarja tal-Kunsill 2002/2003 kif ppreżentat mill-Awditur maħtur mill-Awditur Ġenerali. Dan ir-Rapport kien ippreżentat lill-Membri tal-Kunsill kollu mill-Awditur nhar it-Tlieta 17 ta' Ġunju, 2003 (Ref 22(2)3).

*22.(3).2* Ma' dan ir-rapport ġiet ippreżentata Management Letter kif ukoll il-kummenti tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

## 22 (4) Talba Asset Investments Ltd (04/0995/03/I)

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li din il-Kumpanija talbet biex taħdem hollow blocks tal-conrete fix-Xatt quddiem il-Maċina biswit il-car park ta' quddiem il-bieb tat-Tarzna.

*22.(4).1* Din it-talba ġiet diskussa fis-Sotto Kumitat tal-Proġetti u Infrastruttura. Il-parir ta' dan is-Sotto Kumitat kien li l-Kunsill jiċċarġja lil din il-kumpanija Lm 20 kull jum u li dawn il-flus jissarfu fi proġetti tal-Capston Area ħdejn il-Maċina.

*22.(4).2* Il-Kunsill approva din il-proposta u kellu jinforma lil Asset Investments Ltd dwar dan. Din il-kumpanija qabel għandha jkollha l-permessi ta' l-Awtorita Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar biex taħdem dan ix-xogħol propost.

## 22 (5) Żjara f'Cassino - Ġemellaġġ

Is-Sindku ppreżenta l-Minuti tas-Sotto Kumitat maħtur apposta biex jippjana ż-żjara tal-Kunsill f'Cassino (Minuti mehmuża).

*22.(5).1* Il-Kunsill approva riżoluzzjoni Numru 12/2003 (Mehmuża) imressqa mis-Sindku Joseph Casha u ssekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi dwar fondi li hemm bżonn għal din iż-żjara.

## 22 (6) Offerti

Is-Sindku Joseph Casha ippreżenta rapport ta' evalwazzjoni tal-Perit tal-Kunsill dwar il-ħames offerti mitfugħa għal xogħol ta' resurfacing (RR04/03).

*22.(6).1* Din l-evalwazzjoni ġiet diskussa u miflija mis-Sotto Kumitat tal-Proġetti u Nfrastruttura li ltaqa' apposta nhar il-Ġim għa 27 ta' Ġunju, 2003 fit-8.30am fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

*22.(6).2* Il-Kunsill qabel ma' l-evalwazzjoni (kopja mehmuża) tal-Perit u mal-proposta tas-Sotto Kumitat Proġetti u Nfrastruttura u approva unanimament biex dan ix-xogħol jingħata lil PADA Builders Ltd b'ċertu kundizzjonijiet ta' kif isir il-ħlas għax-xogħol lest.

*22.(6).3* Għaldaqstant jekk PADA Builders jaċċettaw li :

i. li dan ix-xogħol ta' pavimentar u resurfacing jingħata lilkom f'partijiet fi żmien sentejn mid-data miftiehma, skond il-prezzijiet li jara l-Kunsill minn żmien għall-ieħor.

ii. Li l-Kunsill Iżomm id-dritt li jekk ma' jilħaqx ftehim mal-Gvern dwar fondi għal dawn it-toroq jista' ma' josservax parti minn dan it-tender, Iżda dik jew dawk it-toroq li l-Kunsill ikun jista jagħmel tajjeb għalihom mill-fondi normali tal-Kunsill.

iii. Li wara li jiġi ċċertifikat u approvat ix-xogħol imwettaq ta' kull triq imressqa fl-offerta, il-Kunsill Iħallas 25% kull tlett xhur mis-somma mitfugħa fl-offerta.

*22.(6).4* Jekk PADA Builders jaċċettaw dan il-mod ta' ħlas il-Kunsill qed japprova biex PADA Builders jibdew ix-xogħol minnufih fuq it-Triq ta' Dawret Ix-Xatt.

*22.(6).5* Għanda ssir laqgħa ma' PADA Builders nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju, 2003 fl-10.00am fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

## 22 (7) Konferma ta' Xogħlijiet

Il-Kunsill għadu f'kuntatti mad-Dipartiment tat-Toroq biex il-ftehim milħuq dwar xogħlijiet ta' resurfacing ta' toroq jiġl ffirmat ġa la darba ż-żewġ naħat qablu fuq il-kundizzjonijiet.

## 22 (8) Sotto Kumitat Edukazzjoni

Is-Sindku ressaq l-aħħar dettalji dwar il-proġett tas-Summer Club u Family Literacy Programme li dan is-Sotto Kumitat kien qed jippjana li jwettaq fis-Sala tal-Kunsill bejn nofs Lulju sa l-aħħar ta' Awissu.

*22.(8).1* Rapport ta kif qed jinbena u bi ħsiebu jitmexxa dan il-proġett hu mehmuż ma' daawn il-Minuti.

*22.(8).2* Biex dan il-proġett ikun suċċess il-Kunsill approva fondi biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż meħtieġa biex jitmexxa dan il-proġett.

*22.(8).3* Għaldaqstant il-Kunsill approva nem. con. riżoluzzjoni proposta mis-Sindku Joseph Casha u ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi biex il-Kunsill jivvota s-somma ta' Lm 100 biex ikopru dawk l-ispejjeż li jistgħu jinqalgħu matul Iż-żmien ta' dan is-Summer Club (Kopja tar-Riżoluzzjoni mehmuża).

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fil-5.05pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________  ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv